MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Numru 1038/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**Vs**

Raymond Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Raymond Azzopardi karta ta' identita' numru 278360(M), akkuzat talli:

Fl-4 ta' Mejju 2005, fl-Imriehel, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, liema hsara hi ta' izjed minn hames mitt Lira Maltin (Lm500), u cioe' fil-vettura tal-marka Peugeot Partner bin-numru tar-registrazzjoni KBD 081, ghad-detriment ta' Philip Azzopardi minn H'Attard u tal-assikurazzjoni 'Gazan & Mamo';

Sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex l-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni nsista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza hija dik ta’ hsara volontarja li ghaliha l-imputat ammetta anke fil-kors ta’ l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija. L-imputat f’din l-istqarrija jispjega c-cirkostanzi li ghalkemm jistghu talvolta jitqiesu bhala mitiganti fil-kuntest tal-piena, xejn izda ma jiggustifikaw l-agir tieghu.

Stante li l-ammissjoni hija wahda volontarja u inkondizjonata, wara li rat l-Artikolu 325(a), 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tiddecidi li, tenut kont ic-cirkustanzi, tilliberah billi tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta’ sitt xhur u billi tapplika ukoll l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 billi timponilu penali ta’ Lm100 ghal perjodu ta’ sena f’kaz li jimmolesta lill-parti leza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------